MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Numru. 942/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs**

**Melchior Bonnici**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Melchior Bonnici** ta' 24 sena bin Edgar u Rita *nee'* Vella, imwieled Pieta fit-28 ta' Dicembru 1980, residenti 121 Frida Triq in-Naxxar Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 30581M;

Talli gewwa l-Melita Bar, sitwat f'Hal Balzan u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta' Jannar 2003 u fi tlett snin ta' qabel b'diversi att maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. ikkommetta serq ta' proprjeta' (xorb alkoholiku u oggetti ohra) ghad-dannu ta' Emanuel Cassar u/jew tal-kumpanija San Anton Caterers Limited operatrici tal-lokal 'Melita' ta' Sqaq Idmejda, Balzan, liema serq huwa kwalifikat, bil-valur izjed minn elf lira, bil-persuna, bil-lok u bil-hin u dan ai termini tal-artikoli 261, 267, 279 (b), 268, 269 (g) u 270 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun,indahal jew ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti (xorb alkoholiku u television) u dan ai termini tal-artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal- 4 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 18, 261(c)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270, 279, 280 u 344 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru 2008 fejn l-imputat irregistra n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu sabiex l-kawza kontrih tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja;

Semghat il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputat sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kontra tieghu wara li kien hu stess li rrapporta lill-Pulizija illi kien seraq minn fuq il-post tax-xoghol tieghu ammont ta' xorb alkaholiku ghaliex kien hekk imgieghel mill-kollega tieghu li ukoll jahdem fl-istess post. Fl-investigazzjoni taghha l-Pulizija deherilha li l-imputat kien ukoll xtara televizjoni li l-provenjenza tieghu kienet suspettuza u ghalhekk akkuzatu ukoll ta' ricettazzjoni;

Mill-assjem tal-provi jemergi illi f'Jannar tas-sena 2003 l-imputat kien avvicina lil-Ispettur prosekutur u stqarr mieghu li zmien qabel kellu problemi ma' certu Mario Cutajar fuq il-post tax-xoghol li kien talbu xi flus ghaliex kien jaf li kien xtara televizjoni mill-idejn. Ftit wara beda jisraq ix-xorb minn fuq ix-xoghol tieghu u jghaddih lill-istess Mario Cutajar. Dan tal-ahhar kien tressaq il-Qorti sabiex iwiegeb ghal akkuzi separati li taghhom nstab hati minn din il-Qorti diversament preseduta. L-prosekuzzjoni ghalhekk ma kellha ebda triq ohra hlief li tressaq lill-imputat sabiex iwiegeb ta' serq aggravat bil-persuna peress illi seraq mill-post fejn jahdem, bil-hin peress illi dan is-serq kien isehh matul il-lejl, bil-valur minhabba l-ammont ta' xorb misruq u bil-lok stante li s-serq kien isir minn gewwa hanut. L-imputat kien stqarr li

kien seraq madwar mitt flixkun xorb. L-imputat kien ammetta ghal dan is-serq anke fil-kors ta’ din il-kawza meta offra d-deposizzjoni tieghu kif tirrizulta registrata u traskritta a fol 86. Il-Qorti kienet staqsiet lill-imputat jekk dak li kienet qed tallega l-Pulizija kienx minnu u d-difiza ziedet tistaqsi jekk kienx minnu ukoll li kien laqa’ ghandu oggetti misruqa u l-imputat kien wiegeb fl-affermattiv. Pero’ apparti li l-imputat qed jerfa’ r-responsabilita’ kollha sia kriminali kif ukoll civili ghall-ghemil tiehu, joffri spjegazzjoni fis-sens li kien kostrett li jaghmel dan ghaliex kien kontinwament mhedded minn Mario Cutajar;

L-imputat jispjega illi Mario Cutajar kellu l-vizzju tal-loghob, senjatament tal-kaxxi tal-loghob u kien ikun fi bzonn kontinwu ta’ flus. Appena induna bl-ghemil tal-imputat li kien xtara televizjoni mill-idejn kien ibezzghu li jikxfu u kien jitlob flus minghandu. Maz-zmien kien gieghelu jibda jisraq il-fliexken tax-xorb u dan kien johroghom f’landa taz-zibel barra r-restaurant fejn kienu jahdmu t-tnejn li huma sabiex ikunu irtirati mill-istess Mario Cutajar. Jispjega ukoll l-imputat illi ghal xi perjodu kien jaghti l-paga tieghu lil Mario Cutajar taht l-istess kundizzjoni ta’ estorsjoni b’mod li ma kien jifdallu xejn mill-paga u dan sakemm ma felahx aktar u mar jizvela kollox lill-Pulizija;

Kif gia senjalat, Mario Cutajar tressaq quddiem din il-Qorti diversament preseduta u f’dik il-kawza kien xehed l-imputat odjern fejn kien spjega illi kien tkellem ma’ Cutajar u qallu li kien xtara televizjoni ta’ 14-il pulzier minghand wiehed li kien talbu 60 lira Maltin u Cutajar kien ibezzghu dwar dan b’mod li kien spicca tah eluf ta’ liri sakemm iddecieda li jmur ghand il-Pulizija;

Jemergi mill-provi illi x-xorb alkaholiku misruq kien jappartjeni lis-socjeta’ li tiggestixxi l-Melita Bar, igifieri San Anton Caterers Ltd. L-valur ta’ xorb misruq kien jammonta ghall-madwar elf u hames mitt lira Maltin u l-imputat kien dahal f’arrangament mal-istess socjeta’ sabiex ihallas dan l-ammont u fil-fatt kien spicca radd lura l-ammont li

fi kliem l-istess imputat hallas ghall-izbalji ta’ haddiehor. Rikapitolati l-fatti ghalhekk jemergi illi apparti l-elef ta’ liri Maltin li l-imputat hallas lil Mario Cutajar huwa spicca hallas ukoll ghax-xorb li seraq ghall-istess Cutajar;

Mario Cutajar xehed f’din il-kawza u kien evaziz hafna b’mod li ma jistghax jitwemmen minn din il-Qorti. Jghid illi ma kellu l-ebda problema mal-imputat izda darba rah jisraq il-whisky minn fuq il-post tax-xoghol taghhom u kien talbu xi tnejn minnhom izda b’kollox kien tah madwar tmintax-il flixkun minnhom. Dan l-istess xhud izda kien instab hati ta’ estorsjoni ta’ flus minghand l-imputat odjern u issa qed jghid li l-unika haga li ha minghand l-imputat kienu dawn it-tmintax-il kaxxa whisky ghax talabhomlu hu. Kien instab hati ukoll ta’ thedded fil-konfront tal-imputat fit-termini tal-artikolu 250(2) tal-Kapitolu 9 igifieri theddid bi skop ta’ estorsjoni u quddiem din il-qorti jghid li ma kellu l-ebda problema mal-imputat;

Ikkunsidrat inoltre illi *qua* r-rejat ta’ serq aggravat bil-persuna, valur, lok u hin ma hemm l-ebda dubju li dawn jirrizultaw anke jekk l-imputat kien kostrett li jaghmel dan. Kwantu r-rejat ta’ ricettazzjoni, izda, din il-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma lahqitx dak il-grad tal-prova li ghandha twassal ghall-konkluzjoni li l-imputat verament kiser id-disposizzjoni tal-artikolu 334 tal-Kap 9. Fl-ewwel lok ma hemmx dik il-preskrizzjoni sollevata mid-difiza fis-sottomissjoniet taghha igifieri l-preskrizzjoni ta’ sentejn ravvizata fl-artikolu 688(e) tal-Kap 9. L-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova tal-valur tat-televizjoni. Issa la darba l-artikolu 344 jiddisponi li r-rejat ta’ ricettazzjoni huwa punibbli bl-istess piena ghas-serq jekk il-provenjenza hija fil-fatt minn serq, l-imputat huwa soggett ghal piena ta’ prigunerija ta’ sitt xhur massimu ghaliex dan ghandu jitqies serq semplici la darba mhux aggravat bil-valur fit-termini tal-artikolu 267 u dan skond l-artikolu 285 tal-Kap 9;

Illi anke li dan ma kienx hekk, qed issir referenza ghal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminal fil-25 ta' Ottubru 2002 u tajjeb li tkun riprodotta din il-parti tal-istess sentenza. "Kif jispjega l-gurista Francesco Anolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-disposizzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna): Poiche' oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenienza criminosa, il reato *pressuppone* l esistenza di un altro reato: pressuppone, cioe' che un altro reato sia stato commesso in precedenza … Naturalmente il delitto anteriore deve essere effettivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensa al venditore della costa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialment con sentenza passata in giudicato … [ma] la condanna per ricettazione non puo' aver luogo, se prima non e' stato riconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte … a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche' questa e' una semplice condizione di procedibilita'. Del pari, la ricettazione puo' sussistere anche se l'autore del delitto precedenti non sia punibili per difetto di imputabilita' o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena …. Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e' il presupposto, sia estinto. Fi kliem iehor [tkompli l-Qorti tal-Appell], il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel imputazzjoni.. kienu insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi minn xi hadd iehor qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant. Kellha tipprova wkoll – u dan issa a rigward ta' l-element formali tar-reat – li Grima kien konsapevoli tal-provenjenza illecita taz-zewg vetturi. Pero' wiehed ma jridx ihallat, kif donnha jidher li ghamlet l-ewwel qorti, l-element materjali ma' l-element formali. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, l-appellant kien konsapevoli

(fis-sens li haseb jew kien jemmen) li l-vetturi kienu “tainted” (per ezempju, minhabba l-prezz baxx li bihom xtrahom, dan ma jezonerax lil-prosekuzzjoni milli tipprova li l-oggetti in kwistjoni kienu effettivament ta’ provenjenza illecita kif fuq imfisser”;

Ma hemm l-ebda raguni ghaliex dan l-insenjament m’ghandux japplika ghall-fatti in speci ghaliex hawnhekk il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li t-televizjoni elevat mill-pussess tal-imputat kellu xi provenjenza illecita. Ma hemm l-ebda prezunzjoni ta’ htija fl-artikolu 344 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk kien jispetta lill-prosekuzzjoni tipprova tali provenjenza bhala wiehed mill-elementi essenzjali tar-rejat. Di piu’, anke li kieku dan kien hekk, l-imputat hallas sittin lira Maltin ta’ televizjoni ta’ erbghatax-il pulzier u li kien uzat u dan l-prezz bl-ebda mod ma hu suggestiv ta’ xi provenjenza ta’ serq. Din l-akkuza ghalhekk ma tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi ssib lill-imputat hati tal-akkuza ta’ serq aggravat, ma ssibux hati ta’ ricettazzjoni u qed tilliberah minn din l-akkuza;

Wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d)(e)(f), 267, 268, 269, 270, 279, 280;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz fejn il-Qorti hi konvinta li l-imputat kien kostrett taht pressjoni ta’ estorsjoni sabiex jikkommetti dan ir-rejat u wara li hadet in konsiderazzjoni li hallas tal-valur minnu misruq minkejja ghalkemm is-serq ikkommettieh taht ic-cirkostanzi hawn spjegati, tqis li piena karcerarja mhix wahda idonea;

Ghalhekk ukoll, tenut li issa ghadda hafna zmien mid-data tal-kommissjoni tar-rejat, qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sena (1) mil-lum. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------